**26 ta' Novembru, 1998**

**Imhallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - President**

Josephine armla ta' Joseph Chircop

*versus*

Saviour *sive* Sunny Chircop

**Appell - Terz Interessat - Appell tat-Terz**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċahdet tentattiv ta' appell minn parti f'kawża għaliex sabet illi tali partijiet ma jikkwalifikawx bħala "terzi interessati" li kellhom l-interess u l-kwalifikazzjoni ġuridika u proċesswali li jitqiesu terzi appellanti.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1997, liema sentenza taqra

kif ġej:

"Rat l-avviż li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut jikkonsenja lill-attriċi ċ-ċwievet tal-maħżen sitwat fi Triq Sant'Antnin, Ħal Balzan, dovut b'lokazzjoni, previa, okkorrendo, d-dikjarazzjoni illi, *ai termini* tal-liġi l-attriċi hi l-unika inkwilina tal-fond *de quo*;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Lulju, 1994, kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Għall-fini ta' kompetenza qed jiġi ddikjarat li l-valur lokatizzju ma jeċċedix il-mitejn lira (Lm200) fis-sena;

Rat illi fit-28 ta' Ottubru, 1994, il-konvenut eċċepixxa li għalkemm iċ-ċwievet qegħdin għandu, hu qiegħed iżomm dawn għan-nom ta' l-oħrajn;

Rat illi l-konvenut eċċepixxa ukoll:

Illi fl-ewwel lok qed tiġi eċċepita l-*lis alibi pendens* u dan stante li l-kwistjoni odjerna tagħmel parti minn meritu ta' kawża ta' diviżjoni fl-ismijiet **Josephine Chircop** *et vs* **Saviour Chircop** *et*, (ċitaz. nru. 672/87 FGC), pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Illi, fil-meritu, id-domanda attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante l-attriċi m'għandhiex dritt legali għaċ-ċwievet tal-maħżen in kwistjoni;

Salv eċċezzjoni oħra;

Rat illi fit-2 ta' Marzu, 1995, Dr. Philip Sciberras,

b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut irrileva illi l-*litix pendenti* f'dan il-każ ma tiċċentra xejn in kwantu l-attriċi *quo* kerrejja tal-maħżen *de quo* u in forza tad-definizzjoni tal-liġi tal-Kap. 69, bħala subentrata fid-dritt ta' l-inkwilinat li kellu *l-mejjet żewġha, qiegħda merament titlob minn din il-*Qorti d-dikjarazzjoni li hi l-unika inkwilina tal-fond. Din il-kawża hi *pre-ordinata* għad-deċiżjoni fil-kawża l-oħra tad-diviżjoni bejn diversi partijiet u mhux bejn il-kontendenti attwali biss, in kwantu l-eżitu tagħha jista' jinfluwenza, jekk ikun *il-każ, il-kwistjoni tal-valur u tad-diviżjoni. Illi* inoltre, biex jingħad kollox, dan il-fond *strettament ma jidħolx* fil-kwistjoni tad-diviżjoni bejn il-partijiet, in kwantu mhux proprjetà tagħhom. Għar-raġuni ukoll illi fil-kawża l-oħra hemm diversi kontendenti oltre l-attriċi u l-konvenut f'din il-kawża. Għal din ir-raġuni ukoll l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia* ma tistax tiġi akkolta;

Rat illi fis-17 ta' Ottubru, 1995, il-konvenut talab *differiment kif ukoll għas-seduta tal-5 ta' Diċembru, 1995;*

Fil-21 ta' Marzu, 1996, xehdet l-attriċi u qalet "ir-raġel miet f'Jannar ta' l-1982. Hu kien imexxi n-negozju ta' Salinos u fil-fatt kien hemm ukoll it-tifel tiegħu mill-ewwel żwieġ li huwa l-konvenut Saviour Chircop. Ir-raġel kellu l-ħanut tiegħu, l-*istore* f'Ħal Balzan, Triq Sant'Antnin, li kien jużah għan-negozju stess. Wara l-mewt ta' żewġi, xi erba' darbiet tlabna ċ-ċavetta lill-konvenut ta' dan l-*istore* iżda dan qatt ma ta' każna. L-istess ħaġa kien għamel fuq il-ħwienet;

Fil-21 ta' Marzu, 1996, il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Ġunju, għal provi kollha tal-konvenut. F'din id-data la deher il-konvenut u lanqas il-konsulent legali tiegħu. Il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza, iżda wara rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni, il-Qorti laqgħet it-talba biex tisma' t-trattazzjoni

finali mid-difensur tal-konvenut. Iżda reġa' ma deherx il-konvenut fit-12 ta' Diċembru, 1996, u l-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut eċċepixxa l-*lis alibi pendens*, iżda ma ġabx provi. Jidher ċar li hemm xi kawża oħra konnessa, iżda m ġabx ebda prova la dokumentarja u lanqas ta' xhieda. Il-fatt li l-konvenut ma jidher qatt u joqgħod, kull darba li l-kawża tkun għas-sentenza, jipprova iwaqqaf il-kawża ma twasslu għal xejn. Għalhekk tiċħad din it-talba;

Dwar it-tieni eċċezzjoni li l-attriċi m'għandhiex dritt legali għaċ-ċwievet tal-maħżen in kwistjoni, ukoll hawn il-konvenut ma ġabx provi u għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni;

Dwar it-talba ta' l-attriċi jingħad li l-attriċi hija l-armla ta' żewġha u żewġha kien imexxi n-negozju Salinos u żewġha kellu l-ħanut tiegħu, l-*istore* f'Ħal Balzan. Wara l-mewt ta' żewġha talbet iċ-ċwievet iżda dan ma taħomlhiex. It-talba tidher ġustifikata u tilqagħha;

Tikkundanna lill-konvenut biex fi żmien xahar mil-lum jikkonsenja lill-attriċi ċ-ċwievet tal-maħżen fi Triq Sant'Antnin, Ħal Balzan;

Spejjeż kontra l-konvenut";

Minn dik is-sentenza m'appellax il-konvenut sokkombenti iżda numru ta' terzi interessati u ċjoè l-Avukat Joseph M. Fenech, għan-nom u in rappreżentanza ta' Evelyn mart Charles Bonnici, għan-nom u in rappreżentanza ta' Josephine mart

*Joseph Bonnici*, u għan-nom ta' *Mary Micallef* mart *John* Micallef u Teresa *sive* Tessie mart Joseph Ellul, ilkoll tfal talmejjet Joseph Chircop u lkoll aħwa ta' Saviour *sive* Sunny Chircop;

Bir-rikors ta' l-appell tagħhom, ippreżentat fil-11 ta' Frar, 1997, huma talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza minnhom appellata billi tiċħad it-talba ta' l-appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

L-attriċi appellata tikkontesta dan l-appell u indikat issottomissjonijiet tagħha permezz ta' risposta li tinsab filproċess;

Kif wieħed kien jistenna, tqum mill-ewwel il-kwistjoni dwar jekk l-appellanti li qed jippretendu li huma terzi nteressati għandhom verament interess li jintitolahom jintavolaw l-appell preżenti. L-appellata qiegħda ssostni li huma m'għandhomx interess u tadduċi bħala argumenti s-sottomissjonijiet li ġejjin:

L-appellata qed issostni li l-appellanti m'għandhomx interess konkret ġuridiku u kif ukoll lanqas mhu leġittimu u attwali;

Hija tissottometti li għalkemm l-appellanti jikkontendu li huma għandhom il-pussess tal-maħżen u li teżisti kawża għaddiviżjoni, għandu jiġi rrilevat li huma qatt ma kienu fil-pussess tal-maħżen u li kwalunkwe każ, il-fond in kwistjoni ma jiffurmax parti mid-diviżjoni peress li huwa in lokazzjoni;

L-appellata tissottometti ukoll li l-appellanti ma kellhomx il-pussess tal-maħżen la fattwalment u wisq anqas legalment in *kwantu* ċ-*ċavetta kienet għand il-konvenut* biss u kien għalhekk li l-attriċi ddomandat mingħandu l-konsenja ta' l-istess;

Illi l-konvenut, li baqa' ma appellax mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, lanqas biss indenja ruħu, jekk vera kien jemmen li qed iżomm iċ-ċavetta għan-nom ta' ħutu, illi jsejjħilhom fil-kawża;

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn jiġi rrilevat minn din il-Qorti illi mhux kuntenta bil-mod kif żviluppaw l-affarijiet f'dan il-każ partikolari u senjatament minħabba l-fatt li huwa lampanti mill-atti proċesswali li l-konvenut ftit jew xejn ħa nteress fil-kawża fil-prim'istanza u iktar u iktar, anqas biss indenja ruħu jappella mis-sentenza mogħtija kontrih. Inoltre, għalkemm huwa fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu kien eċċepixxa li qed jiddetjeni ċ-ċavetta għan-nom ta' terzi, presumibbilment ħutu li issa appellaw, huwa naqas bl-iktar mod lampanti li jikkjamahom fil-kawża, biex jiġu ttutelati d-drittijiet tagħhom, jekk dawn jeżistu. Inoltre, jidher ukoll illi għalkemm ġiet ventilata l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*, din ma ġietx segwita b'xi prova. Però, jidher illi l-unika kawża pendenti li hemm tirrigwarda diviżjoni ta' l-assi ereditarji, u huwa evidenti li trattandosi ta' fond li huwa lokat u mhux proprjetà tal-kondividendi, l-istess ma jista' qatt jifforma parti mill-assi ereditarji bħala tali;

Imbagħad, fuq kollox, hemm il-parametri ta' l-azzjoni ittentata mill-attriċi u ċjoè illi hija talbet li l-konvenut jiġi kkundannat jirritornalha ċ-ċwievet tal-maħżen in kwistjoni, prevja, okkorrendo, id-dikjarazzjoni li *ai termini* tal-liġi, hija l-unika inkwilina tal-fond *de quo*. Trattandosi ta' maħżen u in *mankanza ta' provi oħra, il-liġi hi dik li hi u ma' l-avveniment* tal-mewt ta' żewġha, il-kirja għaddiet fuqha. Fuq dan jew kontra dan ma hemm assolutament ebda prova li faċilment setgħet inġiebet, kieku teżisti, fi prim'istanza, u mhux leċitu li issa l-appellanti jippretendu li issa ssir il-kawża mill-ġdid,

*partikolarment meta l-konvenut baqa' ma appellax;*

F'dawn iċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-fatt li ma *jidhirx li l-argument tal-lis alibi pendens* jista' jkollu xi valur biex jeradika xi nteress fl-appellanti, kif ukoll, tenut kont tal-fatt li ma hemm assolutament l-ebda prova proċesswali fil-proċess li tiġġustifika dak li issa qegħdin isostnu fir-rikors ta' l-appell, ma tarax *alternattiva ħlief li tiddikjara li, fit-termini tal-liġi*, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala terzi nteressati li għandhom dritt jinterponu appell. Infatti, mill-atti proċesswali ma jidher assolutament li għandhom ebda dritt simili u anqas mis-sottomissjonijiet li hemm fir-rikors ta' l-appell ma jidher li jista' jiġi ntravedut xi interess li talvolta skond il-liġi jista' *jintitolahom jappellaw;*

Għal dawn il-motivi l-appell tagħhom qiegħed jiġi respint *u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata. L-ispejjeż ta' dan l-*appell ikunu a karigu ta' l-appellanti.